MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2010

Numru. 961/2006

PULIZIJA
SPETTUR ANGELO GAFA'
VS
VINCENZO MESIANO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, Vincenzo Mesiano ta' 42 sena, iben Giovanni u Rosa Agostino, imwieled l-Italia fis-7 ta' Dicembru 1963, residenti fl-indirizz: "Riva Court", No.1, Triq Raddett ir-Roti, Xemxija, San Pawl il-Bahar u detentur tal-Karta ta' l-Identita' bin-numru AG3615964, mahruga l-Italia fit-13 ta' Awwissu 2002.

Illi huwa akkuzat talli fit-2 ta' Frar 2006, f'Attard, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, mis-somma ta' Lm2500 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu

taht titolu illi jgib l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat minhabba l-kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, ghad-detriment ta’ Brian Galea.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (a fol.25) fejn din il-Qorti tista’ssib htija fl-imputat;

Rat il-verbal tal-21 ta’ Lulju tal-2010 fejn l-imputat ma kellux oggezjoni li jigi gudikat minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat fil-verbal datat 21 ta’ Lulju, 2010 (a fol.136);

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni tieghu l-Qorti issib lil imputat Vincenzo Mesiano hati skond l-akkuza u wara li qrat Artiklu 293 u 294 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u Artiklu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tillibera lill-imputat biex ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur.

Din il-piena qed tigi akkordata wara li l-Qorti hadet inkonsiderazzjoni illi l-imputat huwa a *first offender* u li hallas il-pendenzi tieghu kollha fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------